A.L. 197 ta' l-2004

ATT DWAR ID-DRITTIJIET TA' L-AWTUR (KAP. 415)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Tiġdid tad-Drittijiet ta' l-Awtur u Drittijiet Relatati (Protezzjoni) u Tmiem tad-Drittijiet ta' Distribuzzjoni (Estensjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 59 (ċ) u (d) ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjonijiet għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar Tiġdid tad-Drittijiet ta' l-Awtur u Drittijiet Relatati (Protezzjoni) u Tmiem tad-Drittijiet ta' Distribuzzjoni (Estensjoni).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"arranġamenti" tfisser arranġamenti għall-esplojtazzjoni tax-xogħol involut;

"bidu" tfisser id-data meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti;

"drittijiet imġedda" tfisser drittijiet ta' l-awtur jew drittijiet relatati li jerġgħu jiddaħħlu fis-seħħ bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, Kap. 415 wara li dawn ikunu temmu taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, Kap. 196 preċedenti jew ta' xi liġi oħra li saret qabel dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur jew drittijiet relatati u li jerġgħu jiddaħħlu fis-seħħ bis-saħħa tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

"Ftehim ŻEE" tfisser il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ffirmat ġewwa Oporto fit-2 ta' Mejju 1992, kif aġġustat bil-Protokol iffirmat ġewwa Brussel fis-17 ta' Marzu 1993 u kif sussegwentement emendat;

"produzzjoni relatata mal-medja" tfisser rappreżentazzjonijiet, xogħlijiet awdjoviżivi, reġistrazzjonijiet

u xandiriet li skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, Kap. 415 huma protetti bi drittijiet relatati;

"Stat ŻEE" tfisser stat li jkun parti kontraenti fil-Ftehim ŻEE.

Tiġdid ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati.

3. Id-Drittijiet ta' l-Awtur u drittijiet relatati skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, Kap. 415 għandhom jerġgħu jiddaħħlu fis-seħħ f'xogħlijiet u produzzjonijiet relatati mal-medja li l-protezzjoni tagħhom taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, Kap. 196 preċedenti jew ta' xi liġi oħra li saret qabel dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur jew drittijiet relatati tkun temmet qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, Kap. 415 imma li fl-1 ta' Mejju, 2004 kienu għadhom protetti fi Stat ŻEE taħt leġislazzjoni dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur jew drittijiet relatati.

Proprjetà ta' drittijiet imġedda.

4. (1) Min kien is-sid tad-Drittijiet ta' l-Awtur jew drittijiet relatati f'xi xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja minnufih qabel ma jkunu temmu (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "is-sid tad-drittijiet preċedenti") hu sa mill-bidu is-sid tad-drittijiet kollha mġedda fix-xogħol jew fil-produzzjoni relatata mal-medja.

(2) Meta s-sid tad-drittijiet preċedenti ikun miet qabel il-bidu, jew, fil-każ ta' persuna ġuridika, tkun temmet milli tibqa' teżisti qabel il-bidu, id-drittijiet mġedda għandhom ivestu fis-suċċessuri bi dritt tiegħu jew tagħha.

Eżerċizzju ta' jeddijiet morali dwar drittijiet mġedda ta' l-awtur u ta' l-artist.

5. (1) Kull twarrib jew affermazzjoni ta' jeddijiet morali li kienu jeżistu minnufih qabel l-iskadenza tad-drittijiet ta' l-awtur jew tad-drittijiet ta' l-artist għandhom ikomplu jkollhom seħħ matul il-perjodu li d-drittijiet ta' l-awtur jew id-drittijiet ta' l-artist jkunu mġedda, skond il-każ.

(2) Il-jeddijiet morali huma eżerċitabbli wara l-bidu minn awtur ta' xogħol jew minn artist dwar ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu, skond ma jiġri f'xi xogħol ieħor jew wirja oħra li jkollhom drittijiet ta' l-awtur.

(3) Meta awtur ikun miet qabel il-bidu -

Kap. 415.

(a) id-drittijiet mogħtijin bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, jistgħu jiġu eżerċitati wara l-bidu mill-persuni indikati fis-subartikolu (3) tiegħu, u

Kap. 415.

(b) azzjoni dwar kull ksur relattiv wara l-bidu ta' dawn id-drittijiet tista' tinbeda mill-persuni indikati fl-artikolu 44 ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur,

(4) Meta l-artist ikun miet qabel il-bidu -

(a) id-drittijiet mogħtijin bl-artikolu 23 ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, jistgħu jiġu eżerċitati wara l-bidu mill-persuni indikati fis-subartikolu (2) tiegħu, u Kap. 415.

(b) azzjoni dwar kull ksur relattiv wara l-bidu ta' dawn id-drittijiet tista' tinbeda mill-persuni indikati fl-artikolu 44 ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur. Kap. 415.

Atti ta' esplojtazzjoni meta xogħol kien fid-dominju pubbliku.

6. (1) Ebda ħaġa magħmula qabel il-bidu ma għandha titqies bħala li tikser id-drittijiet imġedda f'xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja.

(2) Ma jkun hemm ebda ksur ta' drittijiet imġedda f'xi xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja meta -

(a) issir xi ħaġa wara l-bidu f'konformità ma' arranġamenti magħmulin qabel l-1 ta' Mejju, 2004 fi żmien meta ma kienx hemm drittijiet ta' l-awtur jew xi dritt relatat fix-xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja, jew

(b) jinħarġu għall-pubbliku wara l-bidu kopji jew reġistrazzjonijiet tax-xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja magħmula qabel l-1 ta' Mejju, 2004 fi żmien meta ma kienx hemm drittijiet ta' l-awtur jew xi dritt relatat fix-xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja.

(3) Ma jkun hemm ebda ksur ta' drittijiet imġedda f'xi xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja meta ssir xi ħaġa wara l-bidu dwar xi xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja magħmula qabel il-bidu, jew magħmula f'konformità ma' arranġamenti magħmulin qabel il-bidu, li jkun fihom kopja ta' dak ix-xogħol jew li jkunu adattament ta' dak ix-xogħol jew reġistrazzjoni ta' dik il-produzzjoni relatata mal-medja jekk -

(a) il-kopja, reġistrazzjoni jew adattament ikunu magħmulin qabel l-1 ta' Mejju, 2004 fi żmien meta ma kienx hemm drittijiet ta' l-awtur jew drittijiet relatati fix-xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja fejn ikun hemm drittijiet imġedda, jew

(b) il-kopja, reġistrazzjoni jew adattament ikunu saru f'konformità ma' arranġamenti magħmulin qabel l-1 ta' Mejju, 2004 fi żmien meta ma kienx hemm drittijiet ta' l-awtur jew drittijiet relatati fix-xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja fejn ikun hemm drittijiet imġedda.

(4) Ma jkun hemm ebda ksur ta' drittijiet imġedda f'xi xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja meta ssir xi ħaġa wara l-bidu li tkun att ristrett dwar ix-xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja jekk l-att ikun magħmul fi żmien meta, jew ikun magħmul f'konformità ma' arranġamenti magħmulin fi żmien meta, l-isem u l-indirizz ta' persuna li jkollha jedd tawtorizza l-att ma jkunx jista' jinstab minkejja li ssir investigazzjoni kif imiss.

(5) Ma jkun hemm ebda ksur ta' xi dritt morali meta ssir xi ħaġa li bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti mhix ksur tad-drittijiet ta' l-awtur jew drittijiet relatati.

Użu li jsir bi dritt sakemm ikun hemm *royalty* ekwitabbli.

7. (1) Fil-każ ta' xi xogħol jew produzzjoni relatata mal-medja fejn ikun hemm drittijiet imġedda kull att ristrett mid-drittijiet ta' l-awtur jew drittijiet relatati għandu jkun ittrattat bħala mħolli jew li jkollu l-kunsens li jsir mis-sid tad-drittijiet ta' l-awtur jew ta' drittijiet relatati, jew mill-*collecting society* ħekk kif inhu awtorizzat taħt l-artikolu 52 ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, sakemm biss isir il-ħlas ta' dik ir-*royalty* ekwitabbli jew rimunerazzjoni oħra skond ma jista' jkun miftiehem individwalment jew permezz ta' *collecting society* jew stabbiliti fin-nuqqas ta' ftehim mill-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur fuq talba tas-sid tad-drittijiet ta' l-awtur jew tas-sid tad-drittijiet relatati jew ta' *collecting society,* jew ta' min ikun qed jitlob jew ta' *society* li jiġi ttrattat bħala mħolli jew li jkollu l-kunsens tiegħu.

Kap. 415.

(2) Min ikollu ħsib li jagħmel użu mid-dritt mogħti b'dan ir-regolament għandu jagħti avviż raġonevoli bil-miktub dwar il-ħsieb tiegħu lis-sid tad-drittijiet ta' l-awtur jew lis-sid tad-drittijiet relatati jew *collecting society*, fejn jgħid meta jkun bi ħsiebu jagħmel l-atti. Jekk jonqos milli jagħti dak l-avviż, l-atti tiegħu ma jitqiesux bħala mħollija jew li jkollhom il-kunsens li jsiru mis-sid.

Estensjoni ta' l-iskop territorjali ta' tmiem id-drittijiet ta' distribuzzjoni.

8. (1) Għall-finijiet ta' l-artikoli 8 u 20 ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, "suq" għandha tfisser mill-1 ta' Mejju, 2004 s-suq li jaqa' taħt il-Ftehim ŻEE.

Kap. 415.

Kap. 415.

(2) B'żieda ma' l-artikolu 31 ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, l-ewwel bejgħ fi Stat ŻEE ta' kopja ta' *database* minn detentur ta' dritt jew bil-kunsens tiegħu għandu jtemm id-dritt li jiġi kkontrollat il-bejgħ mill-ġdid ta' dik il-kopja.

Kap. 415.

(3) B'żieda ma' l-artikolu 34 ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, meta prodott topografiku jew semikonduttur ikun tqiegħed fis-suq ta' Stat ŻEE minn detentur ta' dritt jew bil-kunsens tiegħu, id-dritt esklużiv li tiġi awtorizzata jew prevjenuta l-esplojtazzjoni kummerċjali jew l-importazzjoni ta' dak il-prodott topografiku jew semikonduttur għandu jtemm.